L-awtur, li diġà nafuh b'mezz tal-poema tiegħu l-"Għanja tad-Dmugħ", għandu stil u xejra għalih innifsu. Hu jagħmel enfasi fuq l-imrar u d-dwejjaq tal-ħajja u donnu jespandi t-tbatija filwaqt li jiskarta l-pjaċiri u l-frugħa li jgħaddu donnhom ħolma u jħallu swied il-qalb akbar u eqqel. Fil-karattri ta' Bontempone u Bartilmew nilmħu antitesi l-aktar spikkanti tat-tendenzi u ta' l-attitudini tal-kotra moderna; ir-relazzjonijiet ta' dawk iż-żewġ persunaġġi huma simboliċi tas-sentimenti tan-nies tal-lum.

Forsi l-qarrej josserva li r-rabta tal-ħsieb fil-ġrajja hi xi ftit maħlula, imma dan ma jistax jonqos għax l-awtur għandu d-drawwa li jaqbad argomentar u spekulazzjonijiet filosofiċi dwar l-imġiba bejniethom tal-bnedmin. Hu jagħmel dan għax iħoss ruħu mqanqal minn sentimenti umanitarji u minn xewqa qawwija li jammonixxi u jeleva l-umanità. Id-deskrizzjonijiet għall-ewwel jidhru twal u mġebbdin, iżda din hi karatteristika ta' l-awtur li jespandi u jinnota fuq irqaqat li jagħtu kulur u enfasi lis-suġġett.

Kollox fuq kollox, dan hu rumanz li ma tistax taqrah biex tgħaddi ż-żmien biss, imma jġagħlek taħseb u timmedita fuq il-problemi tal-ħajja, imisslek qalbek u tħoss ripunjanza lejn ix-xejra bla sens u bla ħniena tas-sistema soċjali tal-lum.

Din hi l-ewwel taqsima, warajha joħorġu tliet taqsimiet oħra u l-erba' flimkien jagħmlu rumanz modern ta' valur u ta' interess kbir. Il-qarrejja Maltin kollha jmisshom jixtru dan il-ktieb mhux biex jagħmlu ħila lill-awtur biss iżda biex jakkwistaw opra preġevoli u istruttiva għal-librerija tagħhom.

G.

---

## QWIEL TAL-BIEDJA

Sħab (jew sema) qoxret il-fekruna jew xita bil-qliel jew riħ fortuna.

L-iswed (sħab) ibażża' u l-abjad ixabba'.

Xemx miblula taħraq.

San Mattew qtigħ ir-rummien u żrigħ it-tewm.

Ilbiċ jiddi u ġid.

Sant'Andrija nofs il-miżirgħa miżrugħa u nofs il-mitimgħa mitmugħa *jew* nofs il-muna mitmugħa.

Lvant jimla l-vagant.

It-tin aħżnu fir-riħ fuq.

San Bartilmew jieħu l-imfietaħ tax-xita.

San Xmun iżra' niexef jew miblul.

Is-sajf ta' San Martin — Il-biedja tifraħ bih.

Il-qamħ f'Santa Katrini — It-tiben u t-tgħam jagħtini.

Zokk ta' fiġel iktar ma jikber iktar jixraq.

Aħjar kromba bagħlija minn mija saqwija.